MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 4/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Lulju, 2009 ghall-habta ta' 23.00 hrs gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta' Birzebbugia, u fil-Bajja s-Sabiha, B'Bugia

1. volontarjament bil-lejl kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied jew b'mod iehor;

2. fl-istess data, hin u lok hebb ghal persuna ta' ibnu Joseph Zahra sabiex jingurja, iddejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna;

3. qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

4. fl-istess data u fil-granet ta' qabel saq vettura numru HAS 801 tat-tip "Fiat Punto" minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

5. fl-istess data u fil-granet ta' qabel saq l-imsemmija vettura numru HAS 801 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
6. fl-istess data u fil-granet ta' qabel saq l-imsemmija vettura numru HAS 801 minghajr ma kellu fil-pussess tieghu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex isuq l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-artikoli 338(bb), 339(e) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, r-raba`, l-hames u s-sitt akkuzi migjuba kontra tieghu filwaqt illi illiberatu mit-tielet akkuża w ikkundannatu għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ammenda komplessiva ta' Euro 100 u ghal dak li jirrigwarda r-raba`, l-hames u s-sitt imputazzjoni piena ta' habs ta' sitt xhur.

Il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 3 [2A] tal-Kap 104 skwalifikat lill-appellant ghal zmien tnax (12)-il xahar milli japplika għal-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li kien gie lliberat mit-tielet akkuza, izda tilliberah mill-akkuzi l-ohra u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi minghajr pregudizzju hawn fuq imsemmija s-sentenza mhix ekwa w gusta.

Ikkonsidrat

Li l-Avukat Ġenerali eċċepixxa li l-appell huwa null għaliex ma fihx il-fatti fil-qosor kif jitlob l-artikolu 419(1)(a) tal-Kap 9.

Illi l-Qorti ddifferiet din il-kawża sabiex tagħti sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-Avukat Ġenerali.

Illi għalhekk fliet x'qal ir-rikorrent dwar il-fatti fir-rikors tal-appell.

L-appellant qal hekk:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Il-Qorti eżaminat kemm l-imputazzjonijiet kif ukoll l-affidavits ippreżentati. Innutat ukoll li l-appellant kien meħlus mit-tielet imputazzjoni dwar kleim faħxi li jikkonsisti dagħa fil-pubbliku.

Is-sentenza misluta mir-rikors tal-appell ma tgħid xejn dwar il-fatti li għandhom x'jaqsmu aml-ewwel u mat-tieni imputazzjoni. Barra minn dan hija wisq limitata biex wieħed iqis li b'xi mod almenu tirrifletti dak li hemm fl-affidavits għal dawk li għandu x'jaqsam mas-sewqan tal-karozza HAS-801 bla liċenzja, mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi u mingħajr

ma kellu fil-pussess tiegħu liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' tat-Trasport.

Fil-mertu, l-appellant jissottometti li m'hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura. Mill-affidavit ta' PS 853 F.Sciberras jrriżulta dan:

'Kif kont barra quddiem l-għassa niċċekkja l-vettura sibt li kellu l-liċenzja tal-vettura skaduta (exp 31/8/2008) (meta l-ġrajja saħħew fit-23 ta' Lulju 2009). Meta tlabtu jekk kellux polza ta' assigurazzjoni kien qalli li ma kellux u lanqas ma kellu liċenzja tas-sewqan għax kienet miżmuma mill-ADT. Jien infurmajtu li ma setax isuq l-imsemmija vettura fit-triq.'

Dan il-kliem mhux hearsay evidence għax qalu l-appellant lill-uffiċjal tal-Pulizija. Għalhekk is-sottomissjoni tal-appellant dwar il-provi ma tirriflettix il-fatti.

Il-Qorti qed tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u għalhekk qed tiddikjara l-appella irrit u null. Konsegwentement is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-21 ta' Diċembru 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija kontra Joseph Zahra' qed tkun ikkonfermata fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------